MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 112/2005/1

**Stephanie Tabone mart Mark Tabone**

**v.**

**T.G. Services (Gozo) Ltd.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-attrici minn sentenza *in parte* dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni o meno ta' dik il-Qorti moghtija fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni

Generali, in data tal-25 ta' Ottubru 2007 li fiha gie ritenut u deciz hekk:
"Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

Illi l-attriċi kienet taħdem bħala chamber maid mas-soċjeta` konvenuta li topera l-lukanda "L-Imgarr Hotel" f'Għajnsielem, Għawdex;

"Illi fis-6 ta' Lulju 2004, waqt li l-attriċi kienet qegħda tnaddaf waħda mill-kmamar tal-lukanda, hija żelqet fil-kamra tal-banju u waqgħet fuq sapuniera li nqalgħet minn postha wara li ppruvat iżżomm magħha u nkisret mal-art bil-konsegwenza li partijiet mill-fdal tas-sapuniera baqgħu deħlin u ċartulha xi arterji u nervituri tal-polz ta' idha tax-xellug, u konsegwenza ta' dan l-attriċi sofriet ġrieħi gravi tant li kellha tiġi operata, liema ġrieħi ħallew debilita' permanenti f'idha tax-xellug li għadha tbati minnha sal-lum;

"Illi konsegwenza tad-debilita sofferta mill-attriċi sa kienet kostretta tabbanduna x-xogħol tagħha u sofriet danni kemm dann emerġenti kif ukoll lulri ċessanti;

"Illi s-soċjeta` konvenuta għalkemm ġiet debitament interpellata diversi drabi wkoll permezz ta' ittra uffiċċjlai tal-20 ta' Lulju 2005, qed tirrifjuta li tħallas dawn id-danni li ġew sofferti mill-attriċi minkejja li l-attriċi bħala impjegata tal-lukanda kienet koperta wkoll b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskju ta' korriment waqt il-qadi ta' dmirijietha.

"Talbet lis-soċjeta` konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara lilek responsabbli tad-danni li ġew sofferti mill-attriċi minħabba l-inċident fuq imsemmi;

"2. Tillikwida d-danni kollha li ġew sofferti mill-attriċi;

“3. Tikkundanna lilek soċjeta` konvenuta tħallas dawn id-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tal-20 ta' Lulju 2005, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġuramnet tagħha.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta li eċċepiet illi:

“1. In linea preliminari, illi din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża stante illi din il-kawża kellha tinfetaħ f'Malta. Illi l-eċċezzjonijiet illi jsegwu qed jingħataw subordinatament u mingħajr preġudizzju għal din l-eċċezzjoni preliminari.

“2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, u wkoll in linea preliminari, iċ-ċitazzjoni attriċi hija rrita u nulla stante illi s-soċjeta` indikata fiċ-ċitazzjoni attriċi hija kompletament differenti minn dik indikata fid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi. Fil-waqt illi ċ-ċitazzjoni attriċi tindika bħala konvenuta lil T.G. Services (Gozo) Limited, id-dikjarazzjoni tal-fatti tindika bħala konvenuta lis-soċjeta` Imgarr Hotel Catering Limited. Inoltre, is-soċjeta T.G. Services (Gozo) Limited indikata fiċ-ċitazzjoni attriċi u s-soċjeta` Imgarr Hotel Catering Limited indikata fid-dikjarazzjoni attriċi ma jeżistux.

“3. Illi dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju, t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda stante illi s-soċjeta` T.G. Services Company Limited ma kinitx *operator* tal-Lukanda 'l-Imgarr Hotel' f'Għajnsielem, Għawdex kif allegat fl-ewwel premessa taċ-ċitazzjoni attriċi u lanqas ma hija proprjetarja ta' l-istess lukanda. Għalhekk is-soċjeta` T.G. Services Company Limited ma tistax tiġi tenuta responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni konsegwenzjali.

“4. Illi dejjem subordinatament u mingħajr preġudizzju, t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx bi ħtija tas-soċjeta` T.G. Services Company Limited u dan kif jiġi provdut waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għalhekk is-soċjeta` T.G. Services Company Limited ma hija bl-ebda mod responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-attriċi li f'kwalunkwe każ iridu jiġu ppruvati.

“5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta` konvenuta maħlufa minn Albert Camilleri.

“Rat il-verbal tagħha tas-19 ta’ Gunju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari dwar il-‘*privilegium fori’.*

“Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi dwar din l-eċċezzjoni.

“Rat in-nota ta' referenzi ta' l-attriċi dwar din l-istess eċċezzjoni.

“Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ din l-eċċezzjoni preliminari tagħha, s-soċjeta` ntimata qed tinvoka l-‘***privilegium fori***’ u ċioe’ d-dritt jew aħjar benefiċċju li tiġi mħarka f’Qorti partikolari. In sostenn ta’ din l-eċċezzjoni tagħha tagħmel referenza għall-artikoli 50 u 767 tal-Kap. 12. L-artikolu 50 jagħti lill-Qorti tal-Maġistrati ta’ din il-gżira l-kompetenza li tieħu konjizzjoni ta' kawżi kontra persuni residenti hawnhekk. L-artikolu 767 imbagħad jagħti l-benefiċċju lil persuni li jkunu joqgħodu fil-gżira ta’ Malta li jiġu mħarrka f’dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu f’Għawdex rigward il-Qorti ta’ din il-gżira.

"Fil-każ in eżami m'hemmx dubbju illi s-soċjeta` ntimata għandha s-seda uffiċċjali tagħha fil-gżira ta' Malta[1]. Għalhekk 'prima facie' jidher illi s-soċjeta` ntimata għandha raġun tqajjem din l-eċċezzjoni ġialadarba ġiet imħarrka fil-Qorti ta' din il-gżira u mhux f'dik ta' fejn titqies li hija r-residenza tagħha.

"Imma l-Qorti ma tistax tieqaf hawn. Importanti ferm għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tingħata waħda mill-eċċezzjonijiet importanti għal din ir-regola u rilevanti wkoll għall-każ in eżami. Infatti dan l-artikolu jgħid illi: "**l-'privilegium fori' jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari**".

"Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eċċezzjoni tal-'privilegium fori', u din il-Qorti tiffaċċja tali eċċezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jiġi mħarrek quddiemha. Dejjem pero' ġie ritenut illi, kif tistipula l-liġi stess, dan il-benefiċċju tal-konvenut jispiċċa kemm-il darba jiġi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazjoni li kellha titwettaq fi gżira partikolari, fil-każ tagħna f'Għawdex (ara f'dan ir-rigward: Appell Ċivili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummerċjali: Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima: 12.2.92; u cit. 6/1996: "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" mogħtija fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell).

"Is-soċjeta` ntimata tikkontendi pero' illi din l-eċċezzjoni ma tistax tkun applikabbli għall-każ in eżami, għax hawn m'għandniex obbligazzjoni naxxenti minn xi kuntratt bejn il-kontendenti li skond il-ftehim espress jew taċitu kellu jiġi esegwit fi gżira partikolari, imma "*kawża għall-likwidazzoni u ħlas ta' danni*".

"Huwa minnu illi mill-premessi u talbiet f'din il-kawża, it-talbiet ewlenin jirrigwardaw danni allegatament ikkaġunati lill-attriċi minħabba inċident li kellha fuq ix-xogħol, fil-

[1] Ara Memorandum of Association a fol. 13 tal-proċess.

lukanda operata mis-soċjeta` ntimata f'Għawdex. Imma jidher ukoll illi l-attriċi qed tippretendi illi dawn id-danni huma riżultat ta' nuqqas tas-soċjeta` ntimata li tadempixxi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali li kellha magħha. Dan għaliex skond il-ġurisprudenza reċenti tal-Qrati tagħna "*huwa obbligu ta' min iħaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xogħol li jassiguraw is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tiegħu*." [2] Hija ssostni għalhekk illi jista' jingħad illi din il-kawża hija waħda bbażata fuq obbligazzjonijiet *ex contractu* u mhux fuq obbligazzjonijiet delittwali. Mandankollu ma ġie prodott ebda kuntratt tax-xogħol jew mod ieħor illi bih is-soċjeta` konvenuta setgħet intrabtet ma' l-attriċi b'xi obbligazzjonjiet simili. Fil-fehma tagħha dan id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi "*a safe place of work*" lanqas ma jista' jiġi interpretat bħala xi ftehim taċitu li l-obbligazzjoni kellha titwettaq fil-gżira ta' Għawdex, kif donnha qed tippretedi l-attriċi.

“L-attriċi targumenta ukoll illi l-fatt illi s-soċjeta` konvenuta kienet assikurata kontra inċidenti li setgħu ġraw lir-residenti jew impjegati tagħha fil-lukanda tagħhom f'Għawdex, jagħti lok għall-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni għall-*privilegium fori.* Imma anke hawn il-Qorti tħoss illi din hija interpretazzjoni pjuttost imġebbda ta' x'wieħed għandu jifhem bit-terminu: "*obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tiġi mwettqa fi gżira partikolari*". Wara kollox, kif tajjeb argumenta l-legali tas-soċjeta` konvenuta fit-trattazzjoni orali tiegħu, il-kuntratt ta' assikurazzjoni sar bejn is-soċjeta` konvenuta u terzi u jibbenifika biss lill-istess soċjeta` konvenuta u mhux lid-danneġġjat.

“Għaldaqstant f’tali iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad illi ġie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispiċċa l-‘*privilegium fori’* tal-konvenut.

[2] Kevin Mallia vs Alfred Mizi & Sons Ltd. - P.A. 9.10.03; Anthony Frendo vs Italmal Machinery Ltd. P.A. 10.10.05; Charles Farrugia vs Malta Inv. Management Co. Ltd. P.A. 9.10.03; Emmanuel Felice vs Freeport Terminal (Malta) plc et. P.A. 4.07.02; Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe P.A. 23.10.01.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta` ntimata, billi tilqa' l-istess eċċezzjoni, tiddikjara ruħha nkompetenti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawħa.

"L-ispejjeż ikunu a karigu ta' l-attriċi."

**L-APPELL TA' ATTRICI**

2.1. L-attrici hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha ghall-fini ta' revoka, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjta` konvenuta appellata.

2.2. L-aggravju ta' l-attrici huwa li, skond hi, il-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet apprezzament skorrett kemm tal-provi kif ukoll tal-ligi applikabbli ghall-kaz. Hija l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja li kienet tezisti bejn il-partijiet kontendenti li kellha tiddetermina n-natura ta' l-azzjoni ghad-danni. Din ir-rabta kienet hemm gia` fis-sehh qabel gara l-kaz u "l-azzjoni tentata mill-attrici hija mnissla proprju minn dik ir-rabta obbligatorja" u kwindi, kif jiddisponi l-Artikolu 770 u tal-Kap. 12, il-*privilegium fori* jispicca f'kaz bhal dan. L-obbligu li l-"employer" jipprovdi "a safe system of work" lill-impjegati tieghu huwa wiehed "ex lege" u m'hemmx lanqas il-htiega li jigi inkorporat f'kuntratt ta' xoghol. Minbarra dan, is-socjeta` appellata kellha wkoll vigenti polza ta' assigurazzjoni li tkopri riski u incidenti u korrimenti tal-haddiema waqt ix-xoghol taghhom fil-lukanda – dan kien kuntratt a beneficcju ta' terzi, kopert bl-Art. 1000 tal-Kap. 16 u l-obbligazzjoni li, temergi minnu kienet taghti azzjoni diretta lill-beneficcjarji, jigifieri persuna fil-posizzjoni ta' l-attrici.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` APPELLATA**

3. Is-socjeta` appellata wiegbet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Fil-kaz in ezami l-attrici ma rnexxilhiex tipprova li l-kawza hija bazata fuq obbligazzjoni li kellha tigi esegwita fil-gzira ta' Ghawdex, kif hemm kontemplat fl-Art. 770 biex jigi eskluz il-*privilegium fori*. Fit-tieni lok, il-kawza kif proposta hija ta' natura akwiljana u mhux kontrattwali, u kwindi l-argumenti sollevati mill-attrici huma kollha inapplikabbli. F'dan il-kaz ma giex ippruvat li kien jezisti obbligu naxxenti minn xi

kuntratt bejn il-kontendenti, u l-kawza lanqas hija dwar obbligu li dwaru gie miftiehem espressament li kellu jigi esegwit f'Ghawdex. Dak li talbet l-attrici kien biss hlas ta' danni u mhux it-twettiq ta' xi obbligu li kellu jsir f'Ghawdex. Din il-kawza ghalhekk kien messha giet istitwita f'Malta u l-Art. 770 tal-Kap. 12 ma japplikax ghal dan il-kaz u dan il-punt huwa kkonfermat b'decizjonijiet in materja moghtijin mill-Qrati lokali.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Dan l-appell huwa limitat ghas-sentenza dwar l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* sollevata mill-parti konvenuta li ggib allura l-konsegwenza li l-ewwel Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni fuq il-kaz.

5. Huwa pacifiku li minn dak li jemergi mill-"Memorandum" u l-"Articles of Association" tas-socjeta` konvenuta, jigifieri T.G. Services (Gozo) Limited, l-ufficcju registrat taghha kien u baqa' fil-gzira ta' Malta – ara Dok TG 1, a fol. 13 et seq. tal-process. Madanakollu, l-attrici tinsisti li meta hija pprocediet kontriha fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, dan ghamlitu korrettement. Dan ghaliex, minkejja li l-konvenuta kienet tassew residenti Malta, f'dan il-kaz xorta wahda ma kellux japplika l-*privilegium fori* favur is-socjeta` billi l-attrici kienet qeghda fir-realta` titlob l-ezekuzzjoni ta' obbligu ta' natura kontrattwali. L-appellanti tissottometti li hija kienet fil-fatt giet ingaggjata biex taghmel xoghol ta' tindif f'lukanda partikolari fil-gzira ta' Ghawdex. Dan kien jammonta ghal ftehim, u tali ftehim kien jikkrea obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gzira partikolari, jigifieri gewwa Ghawdex u mhux f'Malta. L-incident *de quo* sar sewwa sew fuq il-lant tax-xoghol u ghalhekk kien hemm dik "ir-rabta obligatorja antecedenti .... bejn il-partijiet ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li jifforma l-mertu ta' din il-kawza".

6. L-attrici appellanti tinvoka favur taghha l-Artiklu 770 tal-Kap. 12 li jistipula li gej:-
"Il-*privilegium fori*" jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari"

7. Min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta appellata oltre illi tinsisti li r-"registered office" taghha kien dejjem Malta, tirreferi wkoll ghall-att tac-citazzjoni u ssostni li minnu ghandu jirrizulta kjarament illi l-kawza intentata mill-attrici hija wahda "ex delicto" u "extra kontrattwali". Hija kawza purament ghall-hlas ta' danni u kellu jregi l-principju ta' *actor sequitur forum rei*. Il-fatt imbaghad li s-socjeta` konvenuta kienet koperta ma' terz b'polza ta' assikurazzjoni ma kien jikkrea ebda obbligu favur l-attrici kif din tippretendi ghaliex kuntratt ta' assikurazzjoni ta' din ix-xorta jibbenefika biss u *se mai* lis-socjeta` konvenuta stess u mhux lid-danneggjata ghaliex ghaliha dan huwa "*res inter alios acta*".

7.1. Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet varji li sarulha – xi minn daqqiet b'mod legalistiku ad oltranza kemm min-naha u kemm minn ohra – hija tal-fehma li dan huwa wiehed minn dawk il-kazi "*border-line*" fejn, fir-realta`, il-proceduri setghu jittiehdu sew f'Malta (salv opposizzjoni) jew f'Ghawdex, u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

7.2. Bhala socjeta` registrata minn dejjem fil-Gzira ta' Malta, ma hemm ebda dubbju li l-azzjoni attrici setghet liberament giet istitwita fil-Qrati ta' Malta u dan hu hekk in omagg tal-principju regolatorju invokat mill-appellata, li *actor sequitur forum rei*. Fil-fatt li kieku l-kawza giet istitwita fil-Qrati ta' Malta u s-socjeta` konvenuta ma opponitx, ma kien hemm xejn xi jzomm milli l-kawza titkompla bis-smigh taghha fil-Gzira ta' Malta fejn hija residenti l-konvenuta. Madanakollu, il-ligi tal-procedura stess tohloq il-possibilita` li dan il-principju jitwarrab, billi jispicca fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Fil-kaz taghna, l-attrici tghid li l-obbligu in kwistjoni kellu jitwettaq fil-Gzira ta' Ghawdex. Issa ghalkemm huwa minnu li ma gie prodott ebda kuntratt formali *ut sic* bejn il-partijiet, pero` mill-provi jirrizulta sufficjentement li l-attrici kellha impjieg "*part-time*" bhala "*chamber-maid*" fl-Imgarr Hotel, Ghajnsielem, Ghawdex. Di fatti, l-attrici xehdet per via ta'

affidavit (ara Dok A, a fol. 77) u *inter alia* qalet, minghajr ma tinsab kontradetta, dan li gej,
“Bdejt nahdem mal-kumpannija T.G. Services (Gozo) Ltd. fil-lukanda l-Imgarr Hotel, f’Ghajnsielem fl-1 ta’ Marzu 2004. L-impieg tieghi kien ta’ “*chamber-maid*”. Qed nipprezenta bhala dokument ST l-‘*employment history*’ tieghi li gbart mill-Korporazzjoni u Tahrig.

“Meta dhalt kont gejt informata fost hwejjeg ohra li bhala impjegata mal-lukanda jiena kont koperta b’polza ta’ assigurazzjoni kontra r-riskju ta’ korriment fuq il-lant tax-xoghol.

– omissis –

“Minhabba dan il-korriment jiena kont ghamilt zmien twil ma mmur ghax-xoghol...Spiccajt fil-31 ta’ Lulju 2005.

“Minkejja d-diversi weghdi tal-kumpannija li ser nigi kkumpensata tad-dizabbilita` li soffrejt, bqajt ma rcevejt xejn.

“Ghadni nbati sallum konsegwenza ta’ dan l-incident. Ghalhekk ghamilt il-kawza.”

8. Fil-fatt jirrizulta li mal-Employment and Training Corporation, l-attrici kienet hekk ukoll registrata ufficjalment li qed tahdem Ghawdex (ara dok. a fol. 78). Minn din ix-xiehda jirrizulta sufficjentement li l-prezenza fizika ta’ l-attrici fil-lukanda gestita mill-appellata ma’ kenitx wahda accidentali jew b’kumbinazzjoni. Ghal kuntrarju, jidher assodat li l-attrici kienet impjegata f’kategorija ta’ xoghol partikolari li kellu jigi mwettaq specifikament fi stabbiliment fil-gzira Ghawdxija. Dan l-operat necessarjament kien jimplika xi forma ta’ ftehim bejn il-kontendenti li minnu bilfors kienu jitnisslu obbligi reciproci bejn iz-zewg partijiet. Fi kliem iehor, hawnhekk non si trattava ta’ xi hadd li *per accidens* inzerta qieghed fil-lukanda msemmija u wegga’ ghaliex zelaq. Hawnhekk si tratta invece, ta’ impjegata assenjata specifikament mill-“employer” taghha (l-appellata) biex twettaq obbligazzjoni partikolari – xoghol ta’ tindif – f’istabbiliment li jinsab

gewwa Ghawdex. Il-ligi taghna ma tispecifikax il-forma ta' ftehim li talvolta jkun intlahaq bejn il-partijiet involuti biex jikkwalifika ghall-eccezzjoni mahluqa bl-Artikolu 770, surreferit, ghall-fini ta' l-eskluzjoni tal-*privilegium fori* u ghalhekk, certament, ma kienx jirrikjedi li jkun imnaqqax fil-gebel kif donnha tippretendi l-appellata. Wara kollox, kuntratt m'huwa xejn ghajr ftehim bejn tnejn min-nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni (ara Artikolu 960 tal-Kap. 16) u l-attrici proprju dan li qeghda tasserixxi, imqar jekk b'mod implicitu, biex tazzjona lill-appellata konvenuta. Li kieku ta' lanqas irrizulta li l-ingagg ta' l-attrici – li kellha impieg bhala "chamber-maid" jirrizulta sufficjentement – kien wiehed generiku fis-sens li kien hemm intendiment li din setghet titqabbad tnaddaf kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex, allura forsi wiehed jista' jifhem l-opposizzjoni ta' l-appellata li tigi mharrka fil-Qorti ta' Ghawdex; imma l-ftit provi li gew prodotti juru mod iehor. Anzi, u dan minkejja l-isforzi da parti tal-konvenuta biex tizgancja ruhha ghal kollox minn kull relazzjoni possibbli ma' l-attrici, Paul Bonavage, gia` General Manager tal-lukanda Imgarr Hotel, fejn sehh l-incident, xehed car u tond illi (fol. 87),
"L-attrici kienet impjegata l-Imgarr Hotel u "*she was in the capacity*" ta' "*maid*"".

F'xiehda sussegwenti (fol. 95) dan ix-xhud jghid hekk:
"Nikkonferma li mir-ricerki effettwati fl-arkivji tal-lukanda ma jirrizultax illi hemm xi kuntratt ta' impjieg ta' Stephania Tabone mas-socjeta` li kienet topera l-lukanda. L-uniku dokument relattiv ghall-impieg taghha hija l-ETC form hawn annessa...

Minbarra dan, l-istess xhud esebixxa kopja ta' l-imsemmija ETC form – ara fol. 96 u 97 tal-process – mnejn jirrizulta li r-rapprezentat tas-socjeta` konvenuta nizzel l-isem tal-kumpannija bhala "L-Imgarr Hotel" (ara fol. 97) u aktar minn hekk, bhala lokalita` fejn se jahdem l-impjegat tnizzlet specifikament l-Imgarr Hotel."

9. Mis-suespost allura jirrizulta evidentement li ftehim tassew kien hemm biex l-impjegata (i.e. l-attrici) tahdem

bhala "*chamber-maid*", "*part-time*", mas-socjeta` attrici fil-gzira ta' Ghawdex. Issa darba li gie specifikat l-istabbiliment fejn l-impjegata kellha tadempixxi xogholha, kien jinkombi fuq is-socjeta` appellata li tipprovdi lill-impjegata taghha ambjent ta' xoghol fejn ikun hemm vigenti "*a safe system of work*" u l-attrici proprju in bazi ta' dan il-vinkolu ta' obbligatorjeta` li fuqu impernjat l-azzjoni taghha ghar-rizarciment ta' danni. Fl-istess waqt din il-Qorti qeghda taghmilha cara li m'hijiex minimament tesprimi ruhha fuq ir-responsabblita` o meno ta' dak li attwalment gara *qua* korriment fuq il-lant tax-xoghol imma qeghda biss tillimita ruhha dwar jekk kienx hemm jew le obbligazzjoni, naxxenti minn ftehim, li kellha tigi mwettqa f'Ghawdex – kif jidher li huwa dan il-kaz. Kwindi, il-Qorti ma taqbilx ma' dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad li f'dan il-kaz l-eccezzjoni ghall-applikazzjoni tal-*privilegium fori* ma treggix jew li r-ragjonament ta' l-attrici dwar obbligi reciproci bejn l-attrici min-naha u s-socjeta` konvenuta min-naha l-ohra huwa wiehed imgebbed.

10. Fir-risposta taghha ghall-appell ta' l-attrici, is-socjeta` appellata uzat il-kwalifika "espress" fir-rigward tal-ftehim li kellu jirregola r-rapport ta' bejn "employer" u impjegata imma l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 isemmi biss obbligazzjoni li tohrog minn "ftehim", u fil-fehma tal-Qorti, ftehim ta' impjieg kien hemm.

11. Huwa minnu wkoll li kieku l-impostazzjoni tat-talbiet attrici kienu espressament impernjati fuq ir-relazzjonijiet kontrattwali ta' xoghol bejnha u bejn min ihaddimha, il-pozizzjoni legali kienet tkun wahda aktar cara u netta izda bil-fatt biss li t-talbiet kienu ghal rizarciment ta' danni ma kenux lanqas jeskludu li effettivament kien hemm ftehim bejn il-kontendenti li minnu kienu jitnisslu certi obbligi. U proprju minhabba tali obbligi li l-attrici qeghda, almenu implicitament, issejjes l-azzjoni taghha. Di fatti, anke l-ewwel premessa fl-att tac-citazzjoni hija proprju dik illi "l-attrici kienet tahdem bhala 'chamber-maid' mas-socjeta` konvenuta li topera l-lukanda l-Imgarr Hotel, f'Ghajnsielem, Ghawdex". Min-naha l-ohra mbaghad kien ukoll jissubentra obbligu fuq l-"employer" illi jassigura s-sahha tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol fis-sens li

dan ma jkunx wiehed ta' periklu jew ta' riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiema. Ghalhekk jidher li din il-kawza setghet tigi istitwita quddiem il-Qorti kompetenti fil-Gzira ta' Ghawdex, kif fil-fatt huwa l-kaz. Ghalhek isegwi anke li lanqas hemm htiega ghal din il-Qorti li toqghod tinvesti wkoll l-aspett l-iehor li tqanqal dwar il-piz li ghandu jinghata ghall-fatt li kien hemm ukoll vigenti polza ta' assikurazzjoni li tkopri certi kategoriji ta' persuni li giet iffirmata bejn is-socjeta` appellata u kumpannija ta' assikurazzjoni, li pero` m'hijiex parti f'din il-kawza.

12. Fl-ahharnett, tajjeb li jigi rilevat li l-istess decizjonijiet li jissemmew mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, <u>jikkonfermaw u mhux jikkontradicu</u> dak li qieghed jigi ritenut minn din il-Qorti. Per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Cremona et v. Vanda armla Bradshaw** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Mejju 1994 giet sollevata din l-eccezzjoni. Il-kaz kien dwar hlas ta' kera u l-kawza giet istitwita f'Malta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Is-sid (ir-rikorrenti) u l-intimata (l-inkwilina) kienu residenti t-tnejn f'Malta mentri l-post lokat kien fil-gzira ta' Ghawdex u l-kera kellha tithallas ukoll f'Ghawdex. L-intimata eccepiet il-*privilegium fori* u l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni. L-intimata appellat minn din is-sentenza. Il-Qorti ta' l-Appell pero` <u>irrevokat</u> din is-sentenza in kwantu rriteniet hekk:

"L-appellanti qed tissottometti illi ghalkemm l-Artikolu 767 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) johloq il-privilegium fori, bl-Artikolu 770 ta' l-istess Kodici, dan il-privilegg jispicca fil-kaz li l-kawza tkun obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Hija tissottometti inoltre li meta l-kawza tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita f'Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti f'Malta ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta' Ghawdex. Skond l-appellanti fil-kaz prezenti si tratta ta' lokazzjoni maghmula lill-intimata ta' fond li jinsab Ghawdex. Ghalhekk hu car li n-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fil-gzira ta' Ghawdex. Infatti t-tgawdija tal-fond ma setghetx issir hlief f'Ghawdex. L-obbligazzjonijiet kollha tas-sid taht l-Artikolu 1539 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u l-obbligu ta' l-inkwilin li

jinqeda bil-haga mikrija bhala *bonus pater familias* kellhom esekuzzjoni f'Ghawdex. Il-konsenja tal-fond – konsegwenza tar-ripresa tieghu mis-sid – ma tistax issir hlief Ghawdex fejn jinsab l-istess fond u meritu proprju ta' din il-vertenza huwa propju r-ripreza tal-fond. Ghalhekk l-appellati ma jistghux jghidu li l-kawza tivverti dwar obbligazzjoni li kellha tigi esegwita f'Malta;

"Din il-Qorti, taqbel ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellant u effettivament tirrileva li diga` ddecidiet f'dan is-sens fis-sentenza tahha in re **John Borg v. Salvatore Bonnici** fid-19 ta' Novembru, 1954 fejn prattikament din il-Qorti adoperat l-istess kliem li wzat l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha;"

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, tiddeciedi u tidderimi l-kwistjoni billi tilqa' l-appell ta' l-attrici, u konsegwentement, tirrevoka d-decizjoni appellata, tichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellata konvenuta, u tiddikjara kompetenti l-Qorti ta' l-ewwel grad fil-Gzira ta' Ghawdex li tiehu konjizzjoni tal-kawza.

Tordna ghalhekk li l-atti jigu rimessi quddiem l-ewwel Qorti ghal fini ta' kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------